

19.2.2014

A7-0034/72

Emenda 72

Saïd El Khadraoui

fisem il-Grupp S&D

Sabine Wils

fisem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A7-0034/2014

Mathieu Grosch

Servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri

COM(2013)0028 – C7-0024/2013 – 2013/0028(COD)

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) Bil-għan li jinħolqu kundizzjonijiet ta' qafas li jippermettu lis-soċjetà tgawdi bis-sħiħ il-benefiċċju tal-ftuħ effettiv tas-suq għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri, huwa importanti li l-Istati Membri jiżguraw livell xieraq ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-operaturi tas-servizz pubbliku.

(11) Bil-għan li jinħolqu kundizzjonijiet ta' qafas li jippermettu lis-soċjetà tgawdi bis-sħiħ il-benefiċċju tal-ftuħ effettiv tas-suq għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri, huwa importanti li l-Istati Membri jiżguraw livell xieraq ta' protezzjoni soċjali għall-persunal tal-operaturi tas-servizz pubbliku.

Dan għandu jiġi ggarantit bil-liġi nazzjonali u/jew permezz ta' ftehimiet kollettivi mas-settur kollu u/jew obbligi ta' ftehimiet kollettivi u regoli oħra u ftehimiet li jikkonċernaw postijiet tax-xogħol u protezzjoni soċjali fil-post fejn jiġi pprovdut is-servizz, billi jiġu stabbiliti standards soċjali ċari li huma vinkolanti għall-operaturi kollha u/jew billi jkun rikjest it-trasferiment obligatorju tal-persunal għas-settur rilevanti sabiex jiġu mħarsa l-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet fil-mument tal-bidla tal-operatur. Meta jsir trasferiment, għandu japplika għall-persunal li ttieħed preċedentement biex jiġi pprovdut servizz mill-operatur preċedenti u għandhom jingħataw id-drittijiet li għalihom kien ikollhom il-jedd kieku kien hemm trasferiment fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE¹.

Standards soċjali tajbin huma kundizzjoni

AM\1020285MT.doc

PE529.527v01-00

biex jingħataw servizzi ta' kwalità tajba. Għalhekk, il-kompetizzjoni ma għandhiex taffettwa b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal li jipprovdi s-servizzi. L-istandards soċjali u/jew it-trasferiment obbligatorju ta' persunal jiżguraw ukoll termini ta' kompetizzjoni trasparenti u komparabbli bejn operaturi u jipprevjenu r-riskju ta' dumping soċjali. Trasferiment obbligatorju ta' persunal fil-każ ta' bidla fl-operatur jiżgura wkoll il-kontinwità ta' servizzi għall-passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti.

¹*Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU L 82, 22.3.2001, p.16).*

Or. en

19.2.2014

A7-0034/73

Emenda 73

Saïd El Khadraoui
f'isem il-Grupp S&D

Rapport

Mathieu Grosch

Servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri
COM(2013)0028 – C7-0024/2013 – 2013/0028(COD)

A7-0034/2014

Proposta għal regolament

Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) Meta awtorità kompetenti tagħti servizzi tat-transport permezz ta' forniment intern ta' servizzi u servizzi ta' utilitajiet oħra permezz tal-istess operatur intern, dan ma għandux jiġi kkunsidrat bħala kumpens baxx sakemm topera kumpens finanzjarju intern favur is-servizzi tat-transport.

Or. en

19.2.2014

A7-0034/74

Emenda 74

Saïd El Khadraoui
f'isem il-Grupp S&D

Rapport

Mathieu Grosch

Servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri
COM(2013)0028 – C7-0024/2013 – 2013/0028(COD)

A7-0034/2014

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 3 – sottopunt b

Regolament KE Nru 1370/2007

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – l-aħħar sentenza

Test propost mill-Kummissjoni

"Fil-każ ta' kuntratti ta' servizz pubbliku li ma jingħatawx skont l-Artikolu 5(3), dawn il-parametri għandhom jiġu ddeterminati b'mod li l-ebda ħlas ta' kumpens ma jista' jaqbeż l-ammont meħtieġ biex ikopri l-impatt finanzjarju nett fuq il-kostijiet imġarrba u d-dħul iġġenerat fil-qadi tal-obbligi ta' servizz pubbliku, b'kunsiderazzjoni għad-dħul marbut miegħu miżmum mill-operatur tas-servizz pubbliku, u qligħ raġonevoli;"

Emenda

"Fil-każ ta' kuntratti ta' servizz pubbliku li ma jingħatawx skont l-Artikolu 5(3), dawn il-parametri għandhom jiġu ddeterminati b'mod li l-ebda ħlas ta' kumpens ma jista' jaqbeż l-ammont meħtieġ biex ikopri l-impatt finanzjarju nett fuq il-kostijiet imġarrba u d-dħul iġġenerat fil-qadi tal-obbligi ta' servizz pubbliku, b'kunsiderazzjoni għad-dħul marbut miegħu miżmum mill-operatur tas-servizz pubbliku, u qligħ raġonevoli;" ***L-awtorità kompetenti għandha timmira sabiex ma jingħatax kumpens baxx.***

Or. en

19.2.2014

A7-0034/75

Emenda 75

Saïd El Khadraoui
fisem il-Grupp S&D

Rapport

Mathieu Grosch

Servizzi tat-trasport ferrovjarju domestiku tal-passiġġieri
COM(2013)0028 – C7-0024/2013 – 2013/0028(COD)

A7-0034/2014

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – punt 4 – sottopunt a

Regolament KE Nru 1370/2007

Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) fejn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' sistemi iżolati tal-ferrovija fil-qasam tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri bil-ferrovija jvarjaw b'mod sinifikanti mit-TSI tan-netwerk ferrovjarju prinċipali tal-Istat Membru rispettiv li miegħu huma konnessi.

Or. en